

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pollo del Campo S.c.a., Avi Coop Società Cooperativa Agricola (C-199/18), C.A.F.A.R. – Società Agricola Cooperativa, Società Agricola Guidi di Roncofreddo di Guidi Giancarlo e Nicolini Fausta (C-200/18) u SAIGI Società Cooperativa Agricola a r.l., MA.GE.MA. Società Agricola Cooperativa (C-343/18)

Konvenuti: Regione Emilia-Romagna, Azienda Unità Sanitaria Locale 104 di Modena, A.U.S.L. Romagna (C-199/18 u C-200/18) u Regione Emilia-Romagna, A.U.S.L. Romagna (C-343/18)

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jimponu l-ħlas ta' tariffi marbuta ma' spezzjonijiet uffiċjali li jirrigwardaw l-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V ta' dan ir-regolament, ukoll fir-rigward ta' operaturi fis-settur tal-ikel u fis-settur tal-għalf tal-annimali li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' tbiċċir u ta' tqattigħ ta' laħam fuq bażi anċillari għall-attività prinċipali tagħhom ta' trobbija.
- 2) L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lil Stat Membru japplika rati ta' tariffi inferjuri għar-rati minimi previsti fit-Taqsima B tal-Anness IV u fit-Taqsima B tal-Anness V tar-Regolament Nru 882/2004.

⁽¹⁾ ĠU C 240, 9.7.2018
ĠU C 268, 30.7.2018

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-5 ta' Settembru 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-290/18) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Fawna u flora selvaġġa – Konservazzjoni ta' habitats naturali u ta' fawna u flora selvaġġa – Artikolu 4(4) – Annessi I u II – Siti ta' importanza Komunitarja – Nuqqas ta' indikazzjoni – Żoni speċjali ta' konservazzjoni – Miżuri neċessarji – Nuqqas ta' adozzjoni)

(2019/C 383/25)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u C. Hermes, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, J. Reis Silva, H. Almeida, A. Pimenta u P. Barros da Costa, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Billi ma indikatx bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni 61 sit ta' importanza Komunitarja, irrikonoxxuti mill-Kummissjoni Ewropea fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/813/KE tas-7 ta' Diċembru 2004 li tadotta, skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, l-elenku ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku Atlantiku, u fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2006/613/KE tad-19 ta' Lulju 2006 li tadotta, skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, l-elenku ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku Mediterranju, malajr kemm jista' jkun u sa mhux iktar tard minn sitt snin mid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċizzjonijiet, u, billi ma adottatx il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jissodisfaw ir-rekwiżiti ekoloġiċi

tat-tipi ta' habitats naturali msemija fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u l-ispeċi msemija fl-Anness II ta' din id-direttiva preżenti fuq dawn is-siti ta' importanza Komunitarja, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 6(1) tal-istess direttiva.

- 2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata tbat l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 249, 16.7.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Settembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Krajský súd v Prešove - Is-Slovakkja) – TE vs Pohotovosť s.r.o.

(Kawża C-331/18) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2008/48/KE – Protezzjoni tal-konsumaturi – Kreditu lill-konsumaturi – Artikolu 10(2)(h) u (i) u paragrafu (3) – Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-kuntratt – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu li jiġi speċifikat għal kull ħlas it-tqassim bejn ir-rimbors tal-kapital, l-interessi u l-ispejjeż)

(2019/C 383/26)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Krajský súd v Prešove

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TE

Konvenuta: Pohotovosť s.r.o.

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 10(2)(h) sa (j) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE, moqri flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-kuntratt ta' kreditu għandu jispeċifika t-tqassim ta' kull rimbors bejn, skont il-każ, l-ammortizzament tal-kapital, l-interessi u l-ispejjeż l-oħra.
- 2) L-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2008/48, kif interpretati mis-sentenza tad-9 ta' Novembru 2016, Home Credit Slovakia (C-42/15, EU:C:2016:842), huma applikabbli għal kuntratt ta' kreditu, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġie konkluż qabel l-għoti ta' din is-sentenza u qabel emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali magħmula sabiex ikun hemm konformità mal-interpretazzjoni adottata fl-imsemmija sentenza.

(¹) ĠU C 294, 20.08.2018.